# IS-SOĊJETÀ MUŻIKALI 'LOURDES' QRENDI A.D. 1895

"B'IMPENN U B'IMĦABBA GĦALL-ARTI TAL-MUŻIKA". Hekk jinsab imnaqqas fil-Lapida Kommemorattiva li l-E.T. Prof. Guido de Marco, President ta' Malta kixef fis-Sala Sta. Bernardette fil-Każin, nhar l-Erbgħa 28 ta' Ġunju, 2000, fiċ-ċerimonja ta' l-Inawgurazzjoni tal-Planċier Artistiku Ġdid fil-festi kbar li ġew organizzati ad unur il-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi u bħala tifkira ta' l-Ewwel Festa Fit-Tielet Millennju.

Dan jinsab imnaqqax ukoll fl-Istatut tas-Soċjetà Mużikali tagħna, meta ġiet imwaqqfa fl-1895, l-ewwel Każin tal-Banda fil-Qrendi, fejn il-għan ewlieni kien:- 'LI TIPPRISERVA L-KULTURA TAL-MUŻIKA U Ċ-ĊELEBRAZZJONIJIET LI HIJA RESPONSABBLI TORGANIZZA AD UNUR IL-MADONNA TA' LOURDES'.



Is-Soċjetà Mużikali Lourdes hija mpenjata s-sena kollha kemm fit-tixrid tat-tagħlim mużikali lill-Allievi u Bandisti tal-lokal u anke bil-preparazzjonijiet għaċ-ċelebrazzjonijiet esterni, fejn l-armar kollu huwa proprjetà tas-Soċjetà, inkluż l-apparat kollu tad-dawl. Il-Logħob Pirotekniku ukoll jiġi ppreparat kollu mid-Dilettanti tan-Nar tas-Soċjetà, kemm ta' l-ajru kif ukoll ta' l-art, fejn illum sar imfittex f'Malta bħala wieħed mill-aqwa dimostrazzjoni pirotiknika spettakolari sinkoronizzata mal-mużika. Dan jirrifletti d-dedikazzjoni serja, tmexxija għaqlija u s-sagrifiċċji li jeżerċitaw il-Membri kollha biex-xogħol voluntarju tagħhom matul is-sena kollha:- xogħol li jagħmluh mhux għall-glorja personali taghhom imma għas-Soċjetà Mużikali li jirrappreżentaw u li tant huma kburin biha.

Huwa ta' sodisfazzjon kbir għas-Soċjetà Mużikali tagħna li fil-bidu tat-Tielet Millennju u s-Seklu ġdid inkitbet paġna glorjuża fl-istorja tagħha fejn kienu ġew inawgurati żewġ proġetti ambizzjużi li jqumu eluf kbar ta' liri. Il-Kumitat Eżekuttiv kien ilu jaħdem u jipprepara għalihom is-snin sabiex finalment ikollna żewġ proġetti li jagħmlu ġieħ lis-Soċjetà Mużikali u lill-Qrendin kollha. Dawn iż-żewġ proġetti, l-Pedestall bl-Istatwa tal-Madonna ta' Lourdes u Sta. Bernardette fi pjazza sabiħa fil-Qrendi u l-Planċier artistiku ġdid, kienu ġew fdati f'idejn żewġ artisti professjonali żgħażagħ mill-Qrendi. Il-Pedestall ġie ddisinjat u maħdum kollu skultura fuq il-ġebla Maltija minn Agius Stone Works filwaqt li l-iskultur bravissimu s-Sur Angelo Agius skolpixxi l-istatwi tal-Madonna u Sta. Bernardette. Dan il-proġett kien ġie inawgurat mill-President tas-Soċjetà Dr. Ġuże Cassar nhr it-Tnejn 19 ta' Ġunju, 2000 f'Ċelebrazzjoni Marjana. Il-Planċier Artistiku Ġdid, ġie ddisinjat fuq stil barokk u maħdum kollu kewba mis-Sur Adrian Caruana u x-xogħol tal-bronz ġie fdat f'idejn is-Sur Joe Chetcuti. Kienu tmien snin ta' ħidma u deċiżjonijiet iebsa. Pero b'rida ta' l-azzar, b'għaqda u dixxiplina bejn il-membri kollha, fl-aħħar dak kollu li ġie ppjanat sar realtà. Prosit u grazzi lill-membri kollha u l-benefatturi għall-ġenerożità kbira, li b'qalb tad-deheb, dejjem wieġbu għall-isfidi kbar li kellna quddiemna.



Dawn huma żewġ rigali mill-isbaħ li s-Soċjetà Mużikali tagħna rregalat lill-poplu kollu tal-Qrendi. Aħna ddedikajna dawn il-Proġetti lill-Ommna Marija, li fuq kollox għaliha ż-żewġ festi maġġuri tar-raħal tal-Qrendi huma ddedikati.

B'dan l-iskop nobbli aħna qiegħdin nikkultivaw u nħarsu l-wirt li ħallewlna missirijietna u li bl-aktar responsabbiltà ser nħalluh lil ta' warajna.

***Joe A. Magro - Viċi President***